**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 308/2014**

**Illum: 3 ta' Gunju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Dominic Bonnici**
**(ID 363160(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Dominic Bonnici ta' 53 sena, bin Consiglio u Carmen nee` Mallia, imwieled Valletta fit-12 ta' Mejju 1960, residenti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 363160(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Novembru 2013 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, bhala prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin:

a) Bhala persuna li mhux impjegat fil-habs il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett, jkun li jkun, li huma pprojbiti skond ir-regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew igorr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali ta' Malta preseduta mill-Imhallef Dr. J. Galea Debono LL.D. nhar id-19 ta' Mejju 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi

trattat bi procedura sommarja (fir-rigward tal-imputazzjoni (a)), kif ukoll illi mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2015, il-Prosekuzzjoni irtirat l-imputazzjoni (a) migjuba fil-konfront tal-imputat, kif ukoll illi waqt l-istess seduta, l-imputat debitament assistit irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet (b) u (c), liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha u dan wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti ghal fini ta' piena u s-sottomissjonijiet tad-difiza dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (c) kif migjuba fil-konfront tieghu u a bazi tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat u illi mill-atti jirrizulta illi s-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni kienet droga eroina f'zewgt iqratas tal-karti, bil-piz tat-trab ammontanti ghal 0.17 grammi. Jirrizulta wkoll illi dak iz-zmien, l-imputat kien qed jiskonta sentenza gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – lok intiz ghall-korrezzjoni u r-riforma tal-abitanti tieghu – u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, dan ghandu jigi rifless ukoll fil-piena. Fil-fatt hija l-ligi stess li tipprovdi dwar dan fl-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa applikabbli f'dan il-kaz.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, liema fedina penali tinkludi kundanni dwar reati, fil-maggor parti taghhom kontravvenzjonali, li jirrisalu ghas-snin tmenin u disghin, kif ukoll kundanna dwar serq aggravat bil-vjolenza li waslet ghal omicidju volontorju ta' zewg persuni u dwar liema l-imputat gie kkundannat ghal tletin sena prigunerija.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni

Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31, 33A u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (b) u (c) migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **seba' (7) xhur prigunerija effettiva**.

Stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (a).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati sabiex ihallas nofs l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, stante li din kienet tinvolvi wkoll investigazzjoni dwar oggetti misjuba fil-pussess ta' terza persuna, u cioe` nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' disgha u disghin Euro u sitt centezmi (€99.06) u nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Photographer* PS 404 Paul Camilleri, ammontanti ghas-somma ta' sitta u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€26.25), ammontanti b'kollox tali spejjez ghas-somma ta' mija, hamsa u ghoxrin Euro u wiehed u tletin centezmu (€125.31), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont imsemmi jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz ta' droga esebiti fl-atti tal-process verbal dwar l-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz ta' droga jigu prezervati ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat